**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar, 2016

Rikors numru : 416/2015 AL

A S V B

Vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-25 ta' Mejju 2002 – certifikat taz-zwieg anness u market Dok. 'A';

Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin in forza ta' sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-7 ta' April 2006 li ghaddiet in gudikat – annessa u markata Dok. 'B';

Illi minn dan iz-zwieg twieled wild wiehed li jismu J, li ghadu minorenni.

Illi ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimat anke` billi r-rikorrenti m'ghandhiex l-obbligu li tmantni lill-intimat, u skont is-sentenza hu l-intimat li ghandu jivversa manteniment lir-rikorrenti ghall-wild minuri.

Illi ghaddew aktar minn erba` snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom separati, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat C B bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u sabiex tordna ghal daqshekk lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u danakollu taht kullprovvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Qorti.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha iddikjarat :

Illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda tort imputabbli lill-esponent;

Illi madanakollu l-esponent m'ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talbiet rikorrenti purche' li jibqghu intatti l-effetti kollha tas-sentenza tas-7 ta' April 2006 rikors numru 210/05 JA u ma jigix akkollat b'ebda spejjez ta' proceduri stante' li hu m'ghandu ebda htija ghat-tifrik taz-zwieg;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Novembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' April, 2006;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.